Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 10/18

**Eman Salem Omar Elzubidi (ID 000128544A)**

(appellanti)

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali**

(appellat)

25 ta' Marzu, 2019.

1. **Il-każ in kwistjoni jitratta deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali li Eman Salem Omar Elzubidi m'ghandhiex jedd tirċievi "*Subsidiary Unemployment Assistance" (SUA).***

2. <u>B'ittra datata 14 ta' Awwissu 2017</u>, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Eman Salem Omar Elzubidi li kien ġie deċiż li ma kinitx intitolata għal "*Subsidiary Unemployment Assistance*" u dan għaliex "*mhux sodisfatt li inti l-kap tal-familja".*

3. <u>Fit-28 ta' Awwissu 2017</u> Eman Salem Omar Elzubidi bagħtet *notice of appeal* lill-Arbitru[1].

4. <u>Fil-11 ta' Diċembru 2017</u> id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali wieġeb[2] biex jgħid li l-appell ma jqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza u li għalhekk kellu jiġi miċħud. Huwa in oltre talab li ssir <u>korrezzjoni</u> tad-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Awwissu 2017 in kwantu r-raġuni li abbażi tagħha ġiet miċħuda t-talba għall-għajnuna soċjali għandha taqra hekk:

[1] L-ittra tagħha waslet quddiem l-**Umpire Board** fit-28 ta' Awwissu 2017 stess (Umpire No. 595/17)
[2] L-ittra tiegħu waslet quddiem l-**Umpire Board** fil-11 ta' Diċembru 2017

*"id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja għal rasek u/jew li m'għandekx mezzi ta' għajxien kif ukoll għar-raġuni li żewġek la qed jirreġistra taħt l-Ewwel Parti tar-Reġistru u lanqas ma hu inkapaċi għax-xogħol."*

5. Fis-17 ta' Jannar 2018 Eman Salem Omar Elzubidi ppreżentat is-sottomissjonijiet relattivi għall-appell tagħha[3]. Hija *inter alia* spjegat illi fiż-żmien tad-deċiżjoni kienet il-kap tal-familja għaliex hi u żewġha kienu jinsabu sseparati: *"...appellant and her husband decided they did not want to live together anymore and separated."* Kompliet tgħid li żewġha telaq minn Malta f'Ġunju 2016 bl-intenzjoni li ma jirritorna qatt lura. Għalkemm ammettiet li huwa fil-fatt reġa rritorna lura Malta f' Ottubru 2017 u li preżentement huwa l-kap tal-familja, enfasizzat li fiż-żmien tad-deċiżjoni appellata ma kienx.

6. Fl-14 ta' Frar 2018 id-Direttur Ġenerali wieġeb għas-sottomissjonijiet ta' Eman Salem Omar Elzubidi[4]. Huwa spjega li l-għajnunja soċjali kienet ġiet miċħuda lil Eman Salem Omar Elzubidi għar-raġuni li fl-assenza ta' kuntratt ta' separazzjoni ma setax ikun sodifatt li hija kienet legalment separata minn żewġha, tant hu hekk li llum jirriżulta li żewġha qed jabita magħha u ma' uliedu. Żied jgħid li żewġha kien u għadu obbligat li jmantni lilha u lil uliedu, u li hija da parti tagħha kienet fid-dover li qabel ma tfittex sostenn mid-Dipartiment għall-Għajnuna Soċjali titlob manteniment mingħand żewġha.

7. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Lulju 2018[5], l-Arbitru Dr Katya Mercieca ikkonkludiet li l-assenza tar-raġel ta' Eman Salem Omar Elzubidi minn Malta kienet waħda temporanja u mhux ibbażata fuq separazzjoni bejn il-partijiet. Irriteniet li anke jekk żewġha ma kienx qed imantniha adegwatament ma setax jitqies li hija kienet tikkwalifika bħala "kap tal-familja". Għalhekk ċaħdet l-appell ta' Eman Salem Omar Elzubidi u kkonfermat d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-14 ta' Awwissu 2017.

8. Eman Salem Omar ma qablitx mad-deċiżjoni u għalhekk fit-3 ta' Settembru

[3] Is-sottomissjonijiet tagħha waslu quddiem l-**Umpire Board** fis-17 ta' Jannar 2018 stess tramite l-email u l-verżjoni oriġinali waslet fit-8 ta' Frar 2018 permezz tal-posta
[4] L-ittra tiegħu waslet quddiem l-**Umpire Board** fil-15 ta' Frar 2018
[5] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 208/18

2018 ippreżentat rikors tal-appell quddiem din il-qorti. Hija talbet lil din il-qorti sabiex tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-25 ta' Lulju 2018 u tordna lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali jaċċetta l-applikazzjoni tagħha għall-għajnuna soċjali (*Subsidiary Unemployment Benefit*) mid-data tal-applikazzjoni.

9. **L-aggravju** hu bbażat fuq l-allegazzjoni li fiż-żmien meta applikat għall-benefiċċju hija effettivament kienet il-kap tal-familja għaliex żewġha kien assenti minn Malta u hija kienet unikament responsabbli għaż-żewġt itfal tagħhom. Qalet li r-raġuni għaliex qatt ma bdiet proċeduri għad-divorzju (bir-rit Iżlamiku) jew separazzjoni (ai termini tal-liġi ċivili) kienet primarjament għaliex *"xtaqet li l-familja terġa' tingħaqad"*. Sostniet l-applikazzjoni għall-għajnuna soċjali kellha tiġi milqugħa.

10. Fid-19 ta' Settembru 2018 id-Direttur appellat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu, fejn talab lil din il-qorti tirrespinġi u tiċħad l-appell interpost minn Eman Salem Omar Elzubidi u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-25 ta' Lulju 2018. Bl–ispejjeż.

**Provi: (Dokumenti)**

*(i) Applikazzjoni għall-assistenza soċjali*

11. Eman Salem Omar Elzubidi (ID 128544A) mara ta' nazzjonalita` Libjana, applikat mad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali għas-*Subsidiary Unemployment Assistance* (SUA)[6]. Fiha ddikjarat li għandha żewġt itfal (tifel ta' 9 snin u tifla ta' 6 snin) u li l-kap tal-familja kienet hi biss. Iddikjarat li kienet tgħix f'appartament tas-Sliema u li kienet tħallas kera mensili ta' €350. Iddikjarat ukoll li żewġha għandu dar fil-Libja. Fuq l-applikazzjoni l-Uffiċċjali niżżel is-segwenti dettallji:

*"Client is applying for SUA.*

[6] L-applikazzjoni tagħha, datata 2 ta' Diċembru 2016, waslet fid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali fit-15 ta' Diċembru 2016.

*Client's husband is in Tunisia looking after his sick mother from June 2016.*

*Client declared that they have been here in Malta for the past 3 years. They brought over with them €10,000  so they can pay the rent.*

*Client's father and sister also live with her sharing the rest of the rent (i.e. €650)*

*(ii) Kuntratt ta' kera:*

12. Ġie esebit kuntratt tal-kera datat  18 ta' Novembru 2014 bejn Albert u Jane Marshall (sidien–il kera) u  "Emad Dahmani" (ID 305606[7]).  Il-kuntratt jispeċifika li l-post kien qed jinkera lil Emad Dahmani għal sitt xhur u li l-ammont ta' kera kien ta' €1000 fix-xahar.

*(iii) Estratt minn passaport:*

13. Gie esebit estratt minn passaport fejn jidher timbru ta' ħrug minn Malta bid-data tat-13 ta' Ġunju 2016, u timbru ta' dħul f' Malta bid-data tal-1 ta' Ottubru 2017.  Għalkemm l-appellanti ssostni li dan huwa estratt mill-passaport ta' żewġha ma hemm l-ebda indikazzjoni f' dan is-sens fuq tali estratt.

*(iv) Tiġdid tal-kuntratt tal-kera:*

14. Giet esebita wkoll ittra datata 1 ta' Lulju 2016 iffirmata minn Adrian Grech f' isem sid il-kera u minn "Emad Dahmani" fejn ġie dikjarat hekk (enfasi ta' din il-qorti):

*"To whom it may concern,*

*An agreement has been entered to today whereby Ms Dahmani is the tenant of Art 12 Nazzarenu Block, Nazzarenu Street, Sliema.*

*It was agreed that Ms Dahmani shall continue to lease the above apartment as per lease agreement signed between the parties on 18th November 2014 for another two years as from today as per terms and conditions specified in the lease agreement.* ***It was also agreed that Ms Dahmani shall have the apartment discounted to €600*** *(six hundred euros per month)* ***for the next three months since she will not make use of the apartment, however she wil be leaving her personal belongings within the apartment****. The sum of €1,800 being the total sum agreed covering three months will be paid by the 15th of July via bank transfer. Including (sic) in the above agreement*

[7] Għalkemm skont l-appell ta' Eman Salem Omar Elzubidi l-ID ta' żewġha Emad Dahmani huwa 140231A

*there has been an understanding that the tenant will make use of the garage for the next two weeks from today's date. Should the tenant on her return would wish to make use ot the garage a rate will be negotiated subject that the garage will be still available.*

*Tenant will also be paying in cash all outstanding water & electricity bills."*

*(v) Ittra mir-Rev Victor Scicluna*

15. Ġiet esebita ittra datata 5 ta' April 2018 miktuba mir-Reverendu Victor Scicluna, fejn spjega li Eman Elzubidi, persuna b "*refugee status*" tgħix fil-parroċċa tiegħu (San Girgor, Sliema). Huwa iddikjara li huwa kemm-il darba għen lil Eman Elzubidi "*to elicit help for her through the foodbank*."

*(vi) Ittra mill-Malta Community Chest Fund:*

16. Ġiet esebita ittra (bla data) mill-Malta Community Chest Fund miktuba minn Sonia Dalli fejn Eman Salem Omar Elzubidi ġiet infurmata li kienet ser tingħata sett ta' vouchers fl-ammont ta' €135 sabiex tagħmel ix-xirja li għandha bżonn.

*(vii) Ittra mill-Foundation for Social Welfare Services*

17. Ġiet esebita ittra datata 29 ta' Marzu 2018 miktuba minn Nathalie Grima, fejn ġie dikjarat li Eman Salem Omar Elzubidi kienet irrikorriet fiċ-ċentru tal-Imsida fil-15 ta' Frar 2017 u kienet infurmathom li żewġha kien it-Tuneżija, u kienet toqgħod mat-tliet uliedha, mal-ġenituri tagħha, ma oħtha. "*Since then she has been regolarly assisted with referral letters to the Church of Scotland foodbank*".

**Provi: (Xhieda)**

18. L-appellanti Eman Salem Omar Elzubidi xehdet fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2018 quddiem l-Arbitru. Id-depożizzjoni tagħha ġiet dettata fil-preżenza tagħha u taqra hekk (enfasi ta' din il-qorti):

*"The appellant under oath states that when her husband left, he did not come back.* ***She wanted a divorce but her husband was against it. Her husband wanted them***

*__to come together again but she did not want__. The appellant states that she has three children, the youngest is one and a half years old. The appellant states that in Islam they have to be living in the same country to apply for a divorce. The appellant states that they were together up to November 2016. __The appellant states that when her youngest child was born her husband was with her and that is in September 2016. She was in Tunis__. The appellant states that at first she thought her husband was coming back. __In December they had problems between them.__ The appellant states that she had gone to a lawyer in Malta who informed her that she had to be separated for six months. The appellant states that in October 2017 her husband returned to malta and now they are living together. __The appellant states that when her husband was in Tunis he was unemployed, he was there to look after his mother who was sick.__ The appellant states that during that period she did not receive any maintenance and that she did not take any action to start receiving maintenance in that period. The appellant states that her husband has two houses in Tripoli: one was taken from them and the other is closed. The appellant states that they cannot return to Libya. During that time, her father, her brother and her friends helped her. With regards to food for her and her children she used to refer to the Food Bank."*

## Konsiderazzjoni.

19. Din il-qorti ma tistax ma tosservax il-verżjonijiet ferm kontrastanti li tat ir-rikorrenti fir-rigward tar-raġuni li tat għalfejn żewġha kien assenti minn Malta (Ġunju 2016 sa Ottubru 2017) u kif ukoll fir-rigward tas-sitwazzjoni matrimonjali tagħhom:

- fl-applikazzjoni tagħha għall-għajnuna soċjali (Diċembru 2016) iddikjarat li żewġha kien mar it-Tuneżija f' Ġunju 2016 biex idur b'ommu li kienet marida;

- fis-sottomissjonijiet li ippreżentat fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru (Jannar 2018) qalet li żewġha kien telaq minn Malta f' Ġunju 2016 bl-intenzjoni li ma jirritornax, wara li kienu ddeċidew li "*they didn't want to live together anymore and separated*";

- fix-xiehda tagħha quddiem l-Arbitru (Marzu 2018) imbagħad qalet li żewġha ried rikonċiljazzjoni iżda hija riedet divorzju; in oltre qalet li kien f' Diċembru 2016 li inqalgħu il-problemi matrimonjali -- dan jikkontrasta ferm mas-sottomissjonijiet li ippreżentat fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru fejn qalet li kienu diġa ddeċidew li jisseparaw qabel ma' żewġha telaq minn Malta f' Ġunju 2016;

- imbagħad fir-rikors tal-appell (Settembru 2018) qalet li kienet hija (mhux żewġha) li xtaqet rikonċiljazzjoni u għalhekk ma bdietx proċeduri għal divorżju jew għal separazzjoni.

20. In oltre jirriżulta illi waqt li żewġha kien it-Tuneżija hija kienet ukoll għamlet xi xhur flimkien miegħu. Fil-fatt mit-tiġdid tal-kuntratt tal-kera datat 1 ta' Lulju

2016 hemm indikazzjoni li għamlet tlett xhur barra minn Malta (Lulju – Settembru 2016) tant li sid il-kera aċċetta li jżomm kera ta' €600 flok €1000 għal tali żmien. Jirriżulta wkoll li f' dak iż-żmien welldet it-tielet wild tagħhom. Hija stess xehdet li t-tielet wild tagħha fil-fatt twieled it-Tuneżija f'Settembru 2016 u li żewġha kien magħha f'dak il-perjodu[8].

21. Pero' jibqa' l-fatt li bejn id-data tal-applikazzjoni u Ottubru, 2017 żewġha ma kienx qiegħed igħix Malta. Lanqas ma jirriżulta li kien qiegħed jagħtiha għajnuna finanzjarja. Il-qorti ma taqbilx li f'dak l-istadju żewġha kien il-kap tal-familja. L-appellanti kienet tinsab hawn Malta waħedha trabbi lil uliedha filwaqt li żewġha għamel kważi sena jgħix barra minn Malta. Quddiem l-Arbitru, id-Dipartiment argumenta li fin-nuqqas ta' kuntratt ta' separazzjoni, kienet u ghadha legalment miżżewwġa tant li r-raġel kien qiegħed igħix magħha. Id-Dipartiment kompla jargumenta li għalhekk kellha tfittex l-interessi tagħha u tal-familja billi titlob manteniment mingħand żewġha. Fit-twegiba għall-appell, id-Dipartiment argumenta:

> *"11. Illi minn dak li ġie ddikjarat mill-appellanta fl-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Soċjali (SUA), id-Direttur appellat kien tal-umli fehma illi a prima facie l-appellanta ma kinitx il-kap tal-familja u dan anke fid-dawl illi l-appellanta qatt ma ġabet a konjizzjoni tad-Dipartiment illi hija kienet hekk allegatament separata de facto minn ma' żewġha. Għaldaqstant, id-Direttur appellat huwa tal-umli fehma illi utilizza d-diskrezzjoni vestita fih ai termini tal-liġi b'mod għaqli hekk kif kien spettanti minnu".*

22. M'hemmx dubju li l-appellat għandu diskrezzjoni meta jiġi biex ikun determinat jekk persuna hijiex il-kap tal-familja. Pero' tali diskrezzjoni għandha tintuża b'mod raġonevoli u mhux li tippretendi mingħand in-nies li jagħmlu affarijiet li jpoġġu *hardship* fuqhom u li probabbilment ma jwassalhom imkien. Hu għalhekk importanti li kull każ jiġi mistħarreġ sew ġialadarba kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Il-qorti żżid:

i. Ma tarax għalfejn biex mara tkun il-kap tal-familja trid tkun legalment separata minn żewġha jew *de facto* separata minn miegħu.
ii. F'dan il-każ partikolari ma jirriżultax li żewġha kien qiegħed jagħtiha xi

[8] (Fil-fatt hija inkorretta d-dikjarazzjoni li għamlet fuq l-applikazzjoni għall-SUA f' Diċembru 2016 meta qalet li kellha żewġt itfal biss, għaliex fil-fatt sa dak iż-żmien kellha wkoll tarbija ta' ftit xhur).

tip ta' għajnuna finanzjarja.

iii. Hu evidenti li l-appellanti tħalliet Malta biex tfendi għal rasha u għal uliedha.

iv. Fid-deċiżjoni l-Arbitru qalet, *"Illi l-appellanti ddikjarat illi żewġha ma kienx igħaddilha manteniment la għaliha u lanqas għal uliedha. Dan jista' jkun għaliex ġiet eżebita dokumentazzjoni illi turi li l-Appellanti kienet tirrikorri għal il-Food Bank għall-ikel. Madankollu, dan ma jfissirx illi l-appellant ma kellhiex dritt u obbligu kemm vis-a-vis l-Istat u iktar vis-a-vis uliedha illi titlob dan il-manteniment mingħand żewġha"*. Wieħed ma jistax jippretendi li l-appellanti kellha tibda xi tip ta' proċeduri fit-Tuneżija sabiex żewġha jmantniha, qabel tiġi kkunsidrata għall-għajnuna soċjali li kienet qegħda titlob. Dan ma kienx każ lokali, iżda *cross border* fejn ovvjament l-appellant kellha bżonn il-flus biex żewġha jiġi mġiegħel iħallas manteniment. Dan apparti li l-appellant stess xehedet li fit-Tuneżija żewġha ma kellux impieg. Verżjoni kredibbli meta tqies li telaq minn Malta biex idur b'ommu marida.

23. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li fid-data meta applikat għall-għajnuna soċjali u sakemm żewġha rritorna lura Malta, ma kinitx il-kap tal-familja. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel riferenza wkoll għan-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat l-appellanti fl-ewwel stadju fejn f'paragrafu 23 iddikjarat li taqbel li mar-ritorna ta' żewġha f'Malta, ma baqgħetx il-kap tal-familja. Din kienet materja ta' importanza għall-appellanti.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tal-25 ta' Lulju, 2018 u tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-appellat tal-14 ta' Awissu, 2017 li l-appellanti ma kinitx il-kap tal-familja.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.